MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Numru. 681/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian J Abdilla)**

**vs**

**Epifanio Azzopardi**
**Gorga Azzopardi**

**Kumpilazzjoni Nru: 681/2008**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

**Epifanio Azzopardi**, ta’ 72 sena, bin il-mejtin Giuseppe u Michelina nee Zammit, imwieled Qormi fit-12 ta’ Jannar 1936 residenti 260 Triq il-Vittorja Qormi u detentur ta’ karta ta’ identita bin-numru 51936M; u

**Gorga Azzopardi**, ta’ 60 sena, mart Epifanio, bint il-mejtin Lewis Cassar u Josephine nee Schembri, imwielda Qormi fil-25 ta’ Gunju 1947 residenti 160 Triq il-Vittorja Qormi u detentrici ta’ karta tal-identita bin-numru 615047M.

Akkuzati talli f’ Ottubru 2004 u fil-granet u fix-xhur ta’ qabel, f’ dawn il-Gzejjer, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda, rcevew minghand xi hadd iehor jew kisbu minghand xi hadd iehor xi weghda li jinghataw, lilhom jew lil ohrajn, b’ korrispettiv ghal xi self, imghaxxijiet jew xi qligh iehor taht liema ghamla jkun b’ eccess minn dak li jkun permess bil-ligi

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Rat l-artikoli 18 u 298C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ic-certifikat esebit a fol 47 tal-process li minnu jirrizulta li l-imputata Gorga Azzopardi mietet fis-27 ta’ Ottubru 2011.

Rat li fis-seduta mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat Epifanio Azzopardi ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata Gorga Azzopardi mietet fil-mori tal-proceduri; il-procediment fil-konfront taghha ghalhekk huwa ezawrit.

Illi l-imputat Epifanio Azzopardi ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu, u l-fatt li l-fedina penali tieghu hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tiddikjara l-procediment ezawrit fil-konfront ta' l-imputata **Gorga Azzopardi**, wara li rat l-artikoli 18 u 298C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Epifanio Azzopardi** hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b' applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x' jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------